# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 205/2009/2 JRM**

**Abdelkrim u Carmela konjuġi Bouharis; u b'dikriet tad-19 ta' Ottubru 2023 il-kawża tkompliet f'isem Roberta Darmanin, Melissa Galea u Loredana Ustuner minflok Carmela Bouharis li mietet waqt li miexja l-kawża**

***v.***

**Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa; u b'dikriet tal-21 ta' April 2009 issejjaħ fil-kawża t-Tabib Ewlieni tal-Gvern**

1. Dan huwa appell tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi, wara li ħelset lid-Direttur Ġenerali għas-Servizzi tas-Saħħa mill-ħarsien tal-ġudizzju, ikkundannat lill-appellant iħallas disgħa u sittin elf, ħames mija u wieħed u sittin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€69,561.65) kumpens għad-danni li minnħabba nuqqas tiegħu ġarrbet l-attriċi meta dabbret infezjoni wara li kienet rikoverata fl-

Isptar San Luqa. Il-fatti tal-każ u r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija azzjoni ta' danni. L-attriċi tgħid li ġarrbet infezzjoni waqt li kienet l-Isptar San Luqa għall-kura fuq kundizzjoni medika, u, minħabba l-imsemmija infezzjoni, hija ġarrbet ħsara f'saħħitha li ma tgħaddix. Hija tgħid li ladarba l-imsemmija infezzjoni laqqtitha minħabba l-kundizzjonijiet sanitarji fl-imsemmi sptar, hu l-imħarrek li jwieġeb għal dak li ġralha. L-atturi jridu li l-qorti ssib li l-imħarrek jaħti għall-ħsara li ġarrbet l-attriċi u li tillikwida d-danni mġarrba, filwaqt li tordna lill-imħarrek iħallasha d-danni hekk likwidati.
>
> »Għall-imsemmija azzjoni, id-direttur-ġenerali mħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, qal li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex il-persuna li bil-liġi tidher għad-dipartiment f'kawża għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hu t-Tabib Ewlieni tal-Gvern. Fil-mertu, laqa' billi warrab il-pretensjonijiet u x-xiljiet kollha tal-atturi. Żied jgħid li huwa ma għandux iwieġeb għal xi danni mġarrba mill-atturi għaliex dak li ġralha l-attriċi ma seħħx bi ħtija tiegħu u lanqas jista' jitqiegħed f'ħoġru. Għalhekk, qal li l-qorti ma jmisshiex tilqa' t-talbiet tagħhom.
>
> »Il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li l-atturi huma miżżewġin lil xulxin u, fiż-żmien rilevanti, l-attriċi kienet mara tad-dar. Fid-9 ta' Frar 2007, fuq rakkomandazzjoni tat-tabib kuranti tagħha, l-attriċi ddaħħlet fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar San Luqa (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Isptar") tbati minn sturdament, tqalligħ, nawżja u wġigħ fl-istonku għax kien hemm il-biża' li tixxotta (*dehydration*). Dak iż-żmien l-attriċi kellha tmienja u erbgħin sena. Il-*file* mediku tal-attriċi jixhed li hija kienet iddaħħlet fl-imsemmi Sptar drabi oħra qabel dakinhar minħabba kundizzjoni ta' problemi … … …
>
> »Il-biċċa l-kbira mix-xhieda mressqa mill-atturi kienu tobba li raw u ikkuraw lill-attriċi, kemm qabel il-ġrajja partikolari u kif ukoll matulha.
>
> »L-attriċi nżammet l-Isptar għal madwar ħmistax-il jum taħt il-kura tal-kirurgu Anthony Zammit u tul dan iż-żmien kollu kienet bid-*drip* ma' driegħha l-lemini. L-attriċi tgħid li, fejn kienet iddaħħlet il-libra tad-*drip*, ħarġitilha bħal tbenġila tonda skura li mbagħad magħha nġema' bħal likwidu sfajjar.
>
> »Fl-24 ta' Frar 2007, l-attriċi ippruvat tinżel mis-sodda biex tmur tieħu doċċa, imma għotrot u waqgħet għaliex riġlejha ma felħuhiex. Mal-waqgħa, rat li minn driegħha ħareġ bħal likwidu safrani. Wara li nġabret mill-art, hija ttieħdet għall-osservazzjoni u nstab li kellha infezzjoni bil-mikrobu tal-*MRSA*[1] fix-xewka ta' daharha … … … Operawha dakinhar (l-intervent sar mill-kirurgu konsulent newrologu Antoine Zrinzo), imma nstab li l-ħsara kienet laħqet daħlet 'il ġewwa u nstabulha saħansitra traċċi ta' trombożi f'riġel minnhom. Damet erba' ġimgħat wiċċha 'l fuq fis-sodda ma tistax tiċċaqlaq, u ngħatat doża ta' antibijotiċi.
>
> »L-attriċi nżammet l-osptar għal tliet xhur u fis-7 ta' Mejju 2007, ħaduha fit-taqsima newro-rijabilitattiva tal-Isptar *Sir Paul Boffa*

1 *Methicillin-resistant Staphylococcus aureus*

sakemm tistejqer. Tul dak iż-żmien hija kienet f'siġġu tar-roti u ma setgħetx timxi għal distanza twila u xorta waħda riedet tkun imwieżna fuq *walking frame*. Madankollu, wara xahrejn, reġgħu ħaduha l-Isptar, tawha aktar antibijotiċi u demm u … waħħlulha *catheter*' li se jkollha tibqa' tużah għal għomorha.

»Wara li ntbagħtet id-dar sabet li ma setgħetx tibqa' tgħix ħajja normali. … … … tilmenta minn tmewwit tan-nervituri f'daharha, tbati biex timxi, ma tistax titla' jew tinżel turġien waħedha jekk ma tkunx mgħejjuna minn xiħadd, u kif ukoll lanqas tista' tinħasel jekk ma jgħinhiex xiħadd. Baqgħet trid tuża l-*catheter* u kull sitt ġimgħat trid tmur l-Isptar biex jibdlulha t-tubu ta' miegħu.

»L-atturi fetħu l-kawża fit-3 ta' Marzu 2009.

»Għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, xieraq li l-qorti tgħaddi biex tqis is-sisien legali tal-azzjoni attriċi. Ma hemmx dubju li l-atturi ressqu azzjoni għad-danni. Il-każ li għandha quddiemha l-qorti jissejjes fuq il-fatt li l-attriċi tgħid li ġarrbet ħsara li ma tgħaddix waqt li kienet rikoverata l-Isptar, minn raġuni li ma jidhirx li għandha x'taqsam direttament mar-raġuni li għaliha daħlet l-Isptar. Fi kliem ieħor, il-każ tal-atturi mhuwiex wieħed ta' ħtija medika professjonali minħabba intervent li ma sarx sewwa (*medical malpractice*), iżda x'aktarx mal-kundizzjoni sanitarja tal-Isptar li fih l-attriċi kienet qiegħda tingħata l-kura għall-kundizzjoni li kellha.

»Dan ix-xenarju għalhekk jitlob li l-qorti tiddetermina n-natura tal-azzjoni attriċi u b'hekk il-kwestjoni tar-responsabbiltà u l-ħtija għal dak li ġara.

»Il-qorti tinnota li fit-tielet premessa tar-rikors promotur l-atturi jinqdew bil-kliem "imperizja u negliġenza da parti tal-konvenut", u komplew jinqdew b'terminoloġija marbuta mal-azzjoni akwiljana wkoll meta ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. Dwar dan l-aspett, il-perit legali mqabbda mill-qorti biex tgħin lill-espert mediku waslet għall-fehma li hekk kif l-attriċi daħlet l-Isptar biex tikseb il-kura li għaliha ntbagħtet mit-tabib kuranti tagħha, inħalaq rapport kuntrattwali (dak li f'xi oqsma jissejjaħ *hospitalisation contract*) bejnha u l-imsejjaħ fil-kawża li dak iż-żmien kellu fdata fih is-setgħa u r-responsabbiltà li jara li l-Isptar ikun miżmum b'mod li ma jġibx ħsara akbar f'saħħet min jidħol fih biex jiddewwa.

»Din ir-rabta kuntrattwali titnissel ukoll fejn l-istituzzjoni tkun waħda pubblika fejn l-għoti tas-servizz – bħalma kien il-każ fl-Isptar minħabba s-sistema pubbliku mħaddem ta' servizz bla ħlas – u wkoll fejn id-dħul fiha tal-pazjent isir b'mod obbligatorju min-naħa tal-Isptar. Jidher li, hekk kif persuna tidħol u tintlaqa' fi sptar bħala pazjent, jinħalaq rapport kuntrattwali bejniethom imsejjas fuq il-kunsens (taċitu) tat-talba ta' servizz u tal-għoti ta' dak is-servizz.

»Kif ingħad f'deċiżjonijiet oħrajn tal-qrati tagħna, jaqa' fuq it-tmexxija ta' istituzzjoni pubblika bħalma hija sptar id-dmir li tara li tqabbad nies ta' ħila biex iwettqu kif imiss ix-xogħol meħtieġ u l-għoti tas-servizz mitlub, u kif ukoll li tara, tħarreġ u tissorvelja lil dawk il-persuni hekk imqabbda f'dak li jkunu qegħdin jagħmlu. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li min jipprovdi servizz ta' sptar qiegħed jassumi rabtiet kuntrattwali mal-pazjenti rikoverati billi joffrilhom kemm kura xierqa fl-isptar u kif ukoll post jew ambjent fejn is-saħħa u sigurtà tal-istess pazjenti tkun

imħarsa kif jixraq, u dan billi joffri faċilitajiet u jinżammu kundizzjonijiet li huma raġonevolment maħsuba li jħarsu lill-pazjent minn ħsara jew periklu.

»Il-qorti jidhrilha li għandha tilqa' l-fehmiet studjati tal-perit legali dwar il-qafas legali li fih trid titqies l-azzjoni attriċi. Ladarba hu hekk, jaqa' fuq l-atturi li juru kif imiss li kien hemm rabta kuntrattwali (obbligazzjoni) min-naħa tat-Tabib Ewlieni, u kif ukoll li l-istess Tabib Ewlieni (bħala l-persuna responsabbli miż-żamma tal-Isptar) naqas li jwettaq dak li kien marbut bih.

»Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-attriċi hija persuna li tgawdi l-jedd li titlob li tingħata l-attenzjoni medika fl-Isptar u wkoll il-kura meħtieġa. Fuq is-saħħa tal-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, jidher li hekk kif l-Isptar laqa' lill-attriċi u beda jagħtiha l-kura li dehret meħtieġa, inħalaq ir-rapport kuntrattwali li ssemma qabel u li fuq is-saħħa tiegħu l-atturi jibnu l-ilment tagħhom u l-pretensjonijiet konsegwenzjali. Għalhekk, l-atturi seħħilhom jippruvaw dan l-element tal-azzjoni tagħhom.

»L-element tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni min-naħa tal-imsejjaħ fil-kawża huwa aktar iebes. L-azzjoni attriċi tintrabat fuq l-infezzjoni li ħakmet lill-attriċi. Hija ħaġa ċerta li l-infezzjoni wasslet għall-effetti li llum jikkaratterizzaw saħħet l-attriċi u l-għamla ta' ħajja li tista' tgħix. Huwa daqstant ieħor ċar li l-infezzjoni tal-*virus MRSA* ma huwiex konsegwenza ta' xi intervent li sar fuqha kemm damet l-Isptar, bħalma wieħed jista' jgħid li jkun il-każ jekk tqum xi infezzjoni minħabba li, bi żball, jitħalla f'pazjent xi tajjar jew xi għodda li tkun intużat waqt intervent kirurġiku u li jwasslu għal rejazzjonijiet post-operattivi fl-istess pazjent.

»Madankollu, it-toqol tal-prova tal-atturi f'dan il-każ ġej mill-fatt li jkollhom juru li l-infezzjoni li laqtet lill-attriċi kienet ċirkostanza li dabbritha kemm damet l-Isptar u minħabba n-nuqqas ta' ħarsien min-naħa tat-tmexxija tal-istess Sptar biex dik l-infezzjoni ma tiġrix. Dan qiegħed jingħad għaliex infezzjoni tal-mikrobu tal-*MRSA* persuna tista' tiġborha mill-komunità (jiġifieri tixtered fil-pubbliku b'kuntatt bejn in-nies) u tista' ddabbarha fi sptar waqt li dak li jkun tkun rikoverata għall-kura. Mill-provi ħareġ li, sa minn qabel ma l-attriċi daħlet l-Isptar fi Frar tal-2007, hija kienet daħlet drabi oħrajn fl-Isptar għall-kura u kellha kundizzjonijiet ta' saħħa li jbaxxu l-immunità tagħha biex tilqa' għall-infezzjonijiet minn mikrobi. Huwa fatt ukoll li dwaru jaqblu l-partijiet fil-kawża li l-*MRSA* hija sura ta' batterju li jirreżisti l-kura normali bl-antibijotiċi u jista' jieħu xeħta aggressiva li tħalli effetti li ma jgħaddux fuq il-persuna milquta;

»It-teżi tal-imsejjaħ fil-kawża hi li l-infezzjoni li dabbret l-attriċi ma setgħetx faqqset u ħarġet fid-dieher fiż-żmien qasir ta' ftit jiem wara li daħlet l-Isptar u meta l-eżamijiet magħmula mit-tobba wrew bla ħjiel ta' dubju li kienet infezzjoni *MRSA*. Għalhekk, jgħid, ma jistax ikun li huwa jitgħabba b'responsabbiltà ta' xi ħaġa li setgħet kien ilha tbejjet fl-attriċi sa minn qabel ma daħlet għall-kura.

»L-espert mediku maħtur mill-qorti, wara li fiehem in-natura tal-mikrobu tal-*MRSA*, kif ifaqqas u jixtered, u x'inhuma s-sintomi li juru li l-persuna tkun laqqtet l-infezzjoni, jasal għall-fehma li minħabba li hija ħaġa iebsa ħafna li wieħed jgħid kemm idum ma jfaqqas il-mikrobu, ma jistax jingħad b'ċertezza li l-infezzjoni li laqtet lill-attriċi kienet

ġabritha kemm damet għall-kura l-Isptar. Madankollu, jqis li setgħet probabbilment ħaditha f'xi żjara oħra li hija kellha fl-istess Sptar ftit taż-żmien qabel u li, meta reġgħet daħlet l-Isptar fi Frar tal-2007 bil-mikrobu tal-*MRSA* jiġri fid-demm tagħha, dan irvilla fil-jiem ta' wara, kemm minħabba d-dgħufija ta' saħħitha (kien ilha mal-ħmistax-il jum għaddejja b'taqlib qabel ma t-tabib tagħha rriferiha għat-Taqsima tal-Emerġenza) u kif ukoll għall-kumplikazzjonijiet li minħabba fihom ingħatat id-*drip* u r-rejazzjoni tagħha għal-labra li ddaħħlet fi driegħha biex tkun tista' titwaħħal id-*drip*.

»L-istess perit mediku jżid jgħid li kieku l-Isptar ta lill-attriċi l-kura f'waqtha meta dehru s-sintomi tan-nefħa u t-tbenġil u l-ġmigħ ta' materja fuq id-drigħ fejn iddaħħlet il-labra tad-*drip*, u li kieku l-Isptar intervjena minnufih bl-interventi kirurġiċi li saru aktar tard fuq l-attriċi (meta l-ħsara kienet daħlet 'il ġewwa sew), l-attriċi ma kinitx tispiċċa fil-qagħda prekarja ta' parapleġija (in-nuqqas li żżomm waħedha fuq riġlejha).

»Minbarra dan, joħroġ ukoll mill-provi li, dak iż-żmien li l-attriċi kienet tinsab rikoverata fl-Isptar, l-Isptar kien qiegħed jaħseb biex jibda jġorr għall-ambjenti tal-isptar il-ġdid (l-Isptar *Mater Dei*), li kien hemm għadd kbir ta' pazjenti rikoverati fuq xulxin (*overcrowding*) li żied il-possibiltà tat-tixrid tal-infezzjoni, u kien diġà magħruf li kien hemm każijiet oħrajn ta' għamla aggressiva tal-mikrobu *MRSA* fl-Isptar li kien laqat lil ħaddieħor.

»Dawn il-kunsiderazzjonijiet fattwali u mediċi tal-espert mediku baqa' jsostnihom meta ttella' b'xhud tal-imħarrek fl-eskussjoni.

»Il-qorti tqis li, fil-qafas tal-provi kollha mressqa u bis-saħħa tal-grad ta' prova mistenni fi proċedura ta' kawża ċivili, l-atturi seħħilhom juru li l-attriċi laqqtet il-mikrobu *MRSA* mill-Isptar – għalkemm mhux bilfors fiż-żmien meta l-infezzjoni ħarġitilha fid-dieher – u li l-Isptar naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jara li jitrażżan it-tixrid tal-mikrobu u meta naqas li jara li l-attriċi tingħata l-kura meħtieġa f'waqtha biex il-qagħda tagħha minħabba l-mikrobu ma tmurx għall-agħar hekk kif ħarġu s-sintomi tal-infezzjoni.

»Dan kollu jwassal lill-qorti għall-fehma li l-atturi wrew tajjeb biżżejjed li l-Isptar naqas li jżomm mar-rabtiet kuntrattwali li kellu mal-attriċi bħala pazjenta rikoverata miegħu u li għalhekk it-Tabib Ewlieni jrid iwieġeb għal dak li ġarrbet l-attriċi minħabba dak in-nuqqas. Fuq kollox, il-qorti ssb li teżisti r-rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni u l-effetti negattivi fuq saħħet l-attriċi li ntwera li se jibqgħu fuqha kemm iddum ħajja.

»Kif rilevat mill-periti ġudizzjarji fir-rapport tagħhom, kien jaqa' fuq it-Tabib Ewlieni li juri li uża l-għaqal, il-prudenza u l-attenzjoni mitluba fit-twettiq tar-rabtiet kuntrattwali tiegħu biex jeħles mir-responsabbiltà ċivili li titnissel bil-liġi fuq min jonqos li jwettaq dak li ntrabat bih. Mill-atti proċesswali il-qorti ma sabet xejn li juri li t-Tabib Ewlieni ressaq provi tajbin biżżejjed biex juri li ttieħdu l-miżuri li għadhom kemm issemmew, u għalhekk huwa naqas milli jfarfar minn fuqu r-respons-abbiltà li ntefgħet bil-fatt tal-inadempiment kuntrattwali li l-atturi seħħilhom juru li ġara.

»Għalhekk, il-qorti ssib li l-atturi seħħilhom jippruvaw iż-żewġ elementi li kien mistenni minnhom biex juru l-ksur tar-rabtiet kunrattwali li l-

Isptar kellu magħhom b'mod li l-ewwel talba hija tajba u sejra tintlaqa' billi ssib li t-Tabib Ewlieni tal-Gvern jaħti għall-ħsara mġarrba mill-attriċi.

»B'riħet hekk, il-qorti tgħaddi issa biex tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi. Mill-provi mressqa ntwera li l-attriċi ġarrbet danni u li, meta l-perit mediku eżaminaha, sab li l-ħsara kienet għadha fuqha u ma kien hemm l-ebda ħjiel li din ser tgħaddi. Minbarra dan, l-attriċi kellha bdil fiċ-ċirkostanzi l-iżjed essenzjali tal-qagħda ta' saħħitha u wkoll ta' kif u b'liema mod setgħet tibda tieħu ħsieb tagħha nnifisha f'dak li kellu x'jaqsam mal-attenzjoni l-aktar bażilari taż-żamma ta' ndafa tagħha. L-espert mediku sab ukoll li l-parapleġija u l-problemi tas-sistema gastro-intestinali tal-attriċi huma konsegwenza magħrufa ta' infezzjoni tal-*MRSA*. Dan seta' jikkostatah meta invista lill-attriċi darbtejn qabel ressaq il-fehmiet tiegħu fir-rapport tal-periti. Seta' jasal ukoll għall-fehma li l-ħsara li ġarrbet l-attriċi ma titfejjaqx u mhix se tgħaddi maż-żmien.

»Il-perit mediku wasal ukoll għall-fehma li d-debilità li tbati l-attriċi tirrappreżenta tnaqqis ta' sittin fil-mija (60%) tal-attività normali li persuna b'saħħitha tal-età tagħha tista' twettaq bla għajnuna ta' ħadd jew tal-ebda tagħmir u li hija kienet twettaq qabel ma ġarrbet dak li għaddiet minnu. Din il-perċentwali wasal għaliha wara li qies l-effetti globali ta' erba' diżabilitajiet fiżiċi li għadha turi sallum … … … Il-periti ġudizzjarji sabu li din id-debilità laqtet sewwa l-għamla u l-kwalità ta' ħajja li l-attriċi bħala mara tad-dar kienet twettaq qabel ħadet l-infezzjoni f'dak li jirrigwarda xogħol u manuvrabilità b'mod sħiħ u bla għajnuna minn ħadd.

»Għalhekk, il-qorti ssib li l-atturi wrew li l-attriċi ġarrbet danni, għadha qiegħda ġġarrabhom u kollox juri li se tibqa' ġġarrabhom sakemm tibqa' ħajja. Huma danni li jitolbu l-kumpens u li dan il-kumpens irid jitħallas mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern.

»Għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba, ladarba l-qafas huwa dak kuntrattwali, il-liġi tfisser x'inhuma d-danni li jridu jitħallsu lill-kreditur tal-obbligazzjoni minn min ikun instab li naqas li jwettaq ir-rabtiet tiegħu taħt il-kuntratt.

»Mill-provi mressqa ħareġ li bħala telf attwali l-attriċi tgħid li hija għandha nefqiet ta' darba u wkoll oħrajn rikorrenti marbuta ma' xiri ta' tagħmir biex tista' titmxi, biex iżżomm lilha nnifisha nadifa u bħala mediċinali. Kif sewwa rilevat mill-perit legali, l-atturi naqsu li jressqu l-aħjar prova. Ix-xhieda maħlufa waħedha ma tissupplimentax biżżejjed għar-riċevuti li jixhdu bi preċiżjoni fiex jikkonsistu n-nefqiet li l-atturi qegħdin jagħmlu minħabba l-kundizzjoni tal-attriċi. Minħabba li l-atturi naqsu f'dan ir-rigward, il-qorti sejra tqis biss in-nefqa dikjarata għax-xiri ta' siġġu tar-roti, żraben speċjali u tagħmir li jgħinha biex tinħasel. Dawn ilkoll itellgħu s-somma għal tliet mija u disgħin euro (€390).

»Dwar it-telf ta' qligħ il-qorti hija tal-fehma li jrid jintuża l-kejl li wieħed iħaddem fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* f'azzjonijiet ta' danni akwiljani. Fil-każ tal-atriċi, minħabba li l-ħsara li ġarrbet ħallitilha tnaqqis permanenti f'erba' oqsma, il-qorti jkollha tqis dan il-mod ta' perċentwali billi tħaddem dak li huwa magħruf bħala l-*weighted average*. Minbarra dan, ladarba l-attriċi ma kinitx impjegata u lanqas intwera li hija kienet twettaq xi attività kummerċjali bi qligħ, il-qorti se' jkollha tibni l-likwidazzjoni fuq il-prattika tal-qrati li, fil-każ ta' mara tad-

dar, il-kejl ikun il-paga minima kif stabbilita bil-liġi minn żmien għal żmien.

»Meħud b'qies kemm kellha żmien l-attriċi meta ġara dak li għaddiet minnu – jiġifieri 48 sena – l-qorti sejra tadotta s-sottomissjoni tal-perit legali li għandu jitħaddem *multiplier* ta' ħames snin u li dan jinbena fuq kemm kienet il-paga minima fis-sena 2015 (meta f'dik is-sena l-attriċi kellha sebgħa u ħamsin sena), bla ma tieħu qies ta' żidiet li ta' kull sena jingħataw lill-paga minima. Għas-snin ta' qabel l-2015, ser jintgħaddu l-pagi minimi statutorji bejn mis-snin 2007 'il quddiem.

»B'dawn il-kriterji, l-ammont ta' telf li ġarrbet l-attriċi bejn l-2007 u l-2015 jitla' għal tlieta u erbgħin elf mitejn u ħamsa u tletin euro u disa' ċenteżmi (€ 43,235.09)[2]. Min-naħa l-oħra, l-ammont ta' kumpens dovut mill-2015 'il quddiem jitla' għal ħamsa u għoxrin elf disa' mija u sitta u tletin euro u sitta u ħamsin ċenteżmi (€ 25,936.56)[3].

»Għalhekk, il-likwidazzjoni kollha tad-danni mġarrbin mill-attriċi għall-finijiet tat-tieni talba attriċi ittella' għas-somma ta' disgħa u sittin elf ħames mija u wieħed u sittin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€ 69,561.65)[4].

»Din is-somma jrid jagħmel tajjeb għaliha l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern u fuqha jibda jgħaddi l-imgħax legali b'seħħ millum sa ma titħallas is-somma hekk likwidata.

»Fl-aħħarnett, il-qorti tgħaddi biex tqis l-ewwel eċċezzjoni mqajma mill-imħarrek Direttur-Ġenerali. Huwa jgħid li ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi, minħabba li f'każ bħal dak iwieġeb it-Tabib Ewlieni tal-Gvern.

»… … …

»… … … meta l-atturi fetħu din il-kawża, id-Diretur-Ġenerali mħarrek ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tagħhom, u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa'.

»… … …

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

»tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Direttur-Ġenerali u ssib li huwa ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi;

»tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

»tilqa' l-ewwel talba attriċi u ssib li l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern jaħti għad-danni li ma jgħaddux imġarrba mill-attriċi meta dabbret infezzjoni tal-*virus MRSA* wara li kienet rikoverata fl-Isptar San Luqa, u dan minħabba li dik l-infezzjoni ġrat minħabba nuqqas da parti tal-istess Tabib Ewlieni fiż-żamma kif imiss tal-kundizzjonijiet sanitarji fl-imsemmi Sptar;

---

2 »€ 72,058.48 (it-total tal-paga minima statutorja bejn l-2007 u l-2014) × 0.6 = € 43,325.09«

3 »€ 166.26 × 52 × 5 x 0.6 = € 25,936.56«

4 »€ 390 + € 25,936.56 + € 43,235.09 = € 69,561.65«

»tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' disgħa u sittin elf ħames mija u wieħed u sittin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€ 69,561.65);

»tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas lill-atturi s-somma ta' disgħa u sittin elf ħames mija u wieħed u sittin euro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€ 69,561.65) bħala danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dik is-somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

»tordna li l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas l-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk tad-Direttur-Ġenerali mħarrek, li jridu jitħallsu mill-atturi.«

2. It-Tabib Ewlieni appella b'rikors tas-16 ta' April 2019, li l-attur Abdelkrim Bouharis wieġeb għalih fil-11 ta' Settembru 2019.

3. L-ewwel aggravju tal-appell jgħid li ma hemmx prova li torbot il-marda tal-attriċi ma' xi nuqqas tal-appellant. L-aggravju ġie mfisser hekk:

»L-ewwel aggravju – Nuqqas ta' provi li jinflittaw [*sic*] ir-responsabbiltà fuq l-appellant

»Fir-rigward tal-ewwel aggravju, hi regola stipulattiva [*sic*] li jridu jinġiebu provi sodisfaċenti u konkreti li jiġġustifikaw ir-responsabbiltà tal-appellant. Fil-fehma tal-esponenti appellant, l-ewwel qorti aktar straħet fuq pretensjonijiet aktar milli tat enfasi fuq il-fatti oġġettivi, u ċjoè il-perjodu li l-appellata kkontrattat l-infezzjoni tal-*MRSA* u s-sintomi li kienu ilhom fuq il-persuna tagħha diversi jiem.

»Qiegħed jiġi sottomess li huwa żbaljat l-apprezzament kif dedott mill-ewwel qorti illi t-Tabib Prinċipali tal-Gvern irid jirrispondi għad-danni sofferiti mill-appellata. Kien ikun iktar għaqli li kieku nġabu provi suffiċjenti mill-appellata li jikkorroboraw l-allegati nuqqasijiet li jolqtu d-diskrezzjoni tal-esponenti appellant, u f'dana is-sens ma nġabux provi u għaldaqstant ma hemmx lok għar-responsabbilità nflitta da parti tal-appellant.

»F'dan l-istadju hu ekwu li ssir referenza għall-fatt li l-appellata sempliċiment fid-dikjarazzjoni tagħha allegat li l-appellant hu respons-abbli fuq żewġ binarji: ossija, li naqas milli jippromovi ambjent ikkundizzjonat u iġeniku' sabiex jevita li l-*MRSA* tinfirex, u ssugwentament li naqas li jimpjega u jħarreġ ħaddiema professjonisti sabiex jagħtu l-kura meħtiega u adegwata sa mill-istadju bikri a favur l-appellata u li għar-raġunijiet kollha ddikjarati tefgħet il-ħtija fuq l-appellant.

»… … … ma huwiex kontestat illi l-appellata għandha storja medika kemmxejn ikkumplikata minn analażi akkurat tal-fajl mediku, u dan peress li kellha serje ta' ammissjonijiet ġewwa l-isptar, in kwantu li hi tbati … … … L-appellata repetutivament implikat li l-problemi ta' saħħitha huma kollha riżultat tal-infezzjoni, meta hu kjarament ċar in-nuqqas ta' ness bejn l-infezzjoni u l-allegati danni inflitti *stante* illi l-

allegati danni kienu eżistenti ferm qabel il-kontratazzjoni tal-*MRSA*. *Nonostante*, l-ewwel qorti skartat li tieħu konjizzjoni ta' dawn l-episodji numerużi li ma jimmeritawx li ma jiġux ikkunsidrati fid-dawl tal-pretensjonijiet imqajma mill-appellata.

»Filwaqt li ma huwiex kontestat il-fatt illi l-appellata kellha l-*MRSA*, … l-ewwel qorti naqset li tevalwa u tqis l-oriġini tal-infezzjoni u, minflok, straħet fuq assunzjonijiet u waslet għall-konklużjoni tagħha illi l-appellata ġiet infettata bil-*virus* u ħajjitha nbidlet drastikament waqt li kienet rikoverata ġewwa l-isptar, minkejja li ma nġabet [*sc.* ebda] prova ċara dwar dan. Difatti Dr Mallia Azzopardi stess ikkonferma li:

> »"huwa diffiċli ħafna biex tgħid jekk pazjent partikolari ġiex kolonizzat mill-*MRSA* fl-ispar jew inkejja fil-komunità ... *I hate to say but I think there is a slight possibility that she might have been brewing this at home*."

»Difatti l-ewwel qorti bħal donnha rrealizzat li ma kinitx linja dritta li tiddeċiedi jekk l-appellata rnexxilhiex iġġib provi suffiċjenti li jimmitaw għall-fatt li kkontrattat l-infezzjoni tal-*MRSA* meta kienet qiegħda tiġi rikoverata fl-isptar. In kwantu ta' dak edott, l-ewwel qorti kellha r-riservi tagħha, minkejja li finalment iddeċidiet mod ieħor u dan kif inhu manifest fis-segwenti:

> »"Huwa daqstant ieħor ċar li l-infezzjoni tal-*virus MRSA* ma huwiex konsegwenza ta' xi intervent li sar fuqha kemm damet l-Isptar, bħalma wieħed jista' jgħid li jkun il-każ jekk tqum xi infezzjoni minħabba li, bi żball, jitħalla f'pazjent xi tajjar jew xi għodda li tkun intużat waqt intervent kirurġiku u li jwasslu għal rejazzjonijiet post-operattivi fl-istess pazjent."

»Barra minn hekk, l-ewwel qorti ma kinitx korretta fid-deċiżjoni tagħha meta ħareg biċ-ċar illi kienet affaċċjata b'serje' ta' dubbji f'dak li jikkonċerna l-perjodu meta l-appellata ġiet infettata bl-*MRSA*, li kienu jimmilitaw a favur l-appellant. Difatti l-inċertezza tal-ewwel qorti fuq l-każ odjem kien apparenti:

> »"L-espert mediku maħtur mill-qorti, wara li fiehem in-natura tal-mikrobu tal-*MRSA*, kif ifaqqas u jixtered, u x'inhuma s-sintomi li juru li l-persuna tkun laqqtet l-infezzjoni, jasal għall-fehma li minħabba li hija ħaġa iebsa ħafna li wieħed jgħid kemm idum ma jfaqqas il-mikrobu, ma jistax jingħad b'ċertezza li l-infezzjoni li laqtet lill-attriċi kienet ġabritha kemm damet għall-kura l-Isptar"

»Sussegwentement, din l-inċertezza kienet ukoll preżenti fid-depos-izzjoni tal-espert mediku Dr Alfred Caruana Galizia nhar is-16 ta' Marzu tas-sena 2016, fejn issottolinea s-segwentI:

> »"Bħalma jgħidu l-esperti, wieħed ma jistax ikun ċert f'każ partikolari kemm ikun ilu hemm l-axxess però iva ħafna drabi jdumu biex jiddikjaraw ruħhom dawn l-affarijiet, biex isiru iktar – kif naqbad ngħid – ma ngħidlekx ovji, għax ħafna drabi ma tkunx ovvja, però li jkun hemm indikazzjonijiet ċart li hemm axxess, u sitt ġimgħat – ma nistax nargumenta biha ċ-ċifra ta' sitt ġimgħat. Probabilment iva, bejn wieħed u ieħor hekk hu."

»Għaldaqstant, ma jistax jingħad li mit-toqol ta' provi miġjuba da parti tal-appellati wieħed jasal għall-konvinċiment morali illi l-infezzjoni li kkontrattat l-appellata kienet verament ikkontrattata fil-perjodu li hi kienet rikoverata l-isptar. Fuq dan l-insenjament lanqas ma jista'

jingħad li l-appellant fit-tmexxija tal-isptar ma pprovdiex servizzi ta' kwalità, tenut kont tal-fatt li anke ġie ppruvat illi l-infezzjoni tal-*MRSA* ma tistax tfaqqas f'qasir żmien u *cioè* wara l-ftit granet li l-appellata kienet ġiet ammessa l-isptar. Fi kliem ieħor, ol-fatt illi l-*abscess* instab biss tmint ijiem wara l-ammissjoni tal-isptar jindika ċarament illi l-*MRSA* kien ġà nfirex u żviluppa fuq l-appellata meta hi kienet għadha fil-komunità. Ġie ippruvat permezz tal-fajl mediku illi r-rikorrenti kellha problem soċjali kbar u l-istampa illi toħroġ ċara hija illi l-ambjenti illi kienet tgħix fihom kienu l-inkubatur għal infezzjoni bħal din.

»Dan il-fatt waħdu jxejjen dak solevat mill-appellata, u hawnhekk allura ħareġ biċ-ċar illi l-ewwel qorti naqset li tosserva li l-prova tan-ness bejn l-infezzjoni u dannu falla *stante* li l-infezzjoni ma kellhiex l-oriġini tagħha fl-isptar. Dan il-mikrobu kien fuq l-appellata, ġarritu hi l-isptar u mbagħad faqqa' hemm. Difatti, il-problemi f'saħħet l-appellata jirriżultaw illi kienu hemm fern qabel l-ammissjoni fl-isptar fi Frar u fi kwalunkwe każ problemi oħra li mmaterjalizzaw wara ma kinux tort tal-konvenut *stante* li l-infezzjoni seħħet fil-komunità. Huwa prinċipju *ormai* aċċettat mill-qrati illi:

> »"Where damage results from multiple causes the courts often resort to the test of 'but for' cause - would the loss have been incurred but for the defendant's negligence? This notion is based on the view that a defendant should be liable only to the extent that it can be shown that his conduct was a condition of the claimant's hurt" (S. Deakin, A. Johnston and B. Markesinis, *Markesinis and Deakin's Tort* Law (6$^{th}$ Ed. Clarendon Press) 120)."

»Dan l-istat ta' fatt ġie perfettament ikkonfermat minn Mr Anthony Zrinzo, li ma setax jikkonferrna l-perjodu ta' kemm il-*virus* tal-*MRSA* kien ilu fuq il-persuna tal-appellata, tenut kont tal-fatt li l-prassi normali hi li dan l-*virus* ma jiġix kontratt minn individwu mil-lum għal għada, kif issotolinea fis-segwenti:

> »"Però ma nistax ngħid kemm kien ilu fuqha dan il-mikrobu. Però meta tqis li għandek *abscess* ta' madwar 10 pulizieri, mhux xi ħaġa ta' ġurnata jew tnejn; jaf ikun ilu ġimgħat però mhux kulħadd l-istess."

»Fuq din il-portata, l-espert mediku kien tal-istess fehma u filfatt ikkonferma illi:

> »"Naqblu li hemm probabilità li dan l-axxess kien diġà qed jifforma qabel ma l-pazjenta daħlet l-isptar. Ma nistax ngħid li kien hemm probabilità; hemm possibilità għax bħalma qal l-professur Zrinzo illi axxess ta għaxar pulzieri jekk kien kien *ten centimeters* ma jiġix mil-lum għal għada."

»L-ewwel qorti fid-deċiżjoni tagħha naqset li tanalizza u tapprezza l-fatt illi l-infermiera aġixxew b'mod tempestiv meta l-problema immanifestat ruħha bis-sintomi u straħet fuq il-pretensjoni tal-appellata illi l-infezzjoni hi riżultat tan-negliġenza tal-appellant in kwantu li ma ħadux azzjoni f'waqtha. Mill-provi prodotti ħareġ kjarament illi t-tobba u professjonisti oħra involuti ħadu azzjoni immedjata, fejn ippreskrivew medikazzjoni neċċessarja u għamlu l-interventi kollha li kien hemm bżonn sabiex l-appellata tingħata l-kura meħtieġa, u *se mai* l-appellant wettaq id-dover tiegħu ta' *bonus paterfamilias,* u għalhekk il-pretensjoni ta' responsabbilità hija infondata.

»Difatti mill-moniteraġġ u superviżjoni rigoruza li għamlu l-profess-jonisti ndunaw li kien hemm problema, u l-azzjoni li ttieħdet mill-i*staff* kienet tempestiva u mingħajr dewmien, kif ġie debitament ikkonfermat minn Dr Mallia Azzopardi, xhud prodott mill-appellati stess, meta "mistoqsi jekk il-pazjent ġietx *treated correctly*, ngħid li hekk hu". Li ma ġiex ikkunsidrat kien il-fatt li meta l-appellata daħlet l-Isptar San Luqa hi kienet ilha ġà ħmistax-il ġgurnata ma tiflahx, u f'dawn il-granet il-ħsara kienet ipprogressat.

»L-appellati qajjmu konfoffa waħda wara l-oħra fuq l-infrastruttura eżistenti fl-Isptar San Luqa fiż-żmien mertu tal-kawża odjerna, fir-rigward tal-ħasil u disinfestazzjoni tal-idejn. Minke.ija li l-appellati qajmu dawn in-nuqqasijiet sabiex l-ewwel qorti setgħet tevalwa jew għallinqas setgħet tipprova tikkonkludi jew tiddeċiedi kif kien l-istat ta' iġene, l-appellati naqsu milli jipprovaw in-ness ta' bejn l-infezzjoni u n-nuqqas ta' iġene fl-Isptar u *di più* ma hemmx provi konkreti li jitfgħu ħtija inġenti fuq l-appellant. Mhux talli dan in-ness ma rriżultax, iżda rrizulta li l-*MRSA* kienet ikkollonizzata mill-komunità u għalhekk żgur li l-appellant ma kellu l-ebda kontroll jew responsabbilità dwar dan.

»*Se mai* billi sempliċiment ġie dikjarat illi l-livell ta' iġene ma kienx ta' standard għoli, l-ewwel qorti ma setgħetx tasal għall-konklużjoni illi l-appellata ġiet infettata bil-*virus* tal-*MRSA* fiż-żmien li kienet rikoverta l-isptar *stante* li din id-dikjarazzjoni ma ġietx ikkorrobarata u għalhekk wisq anqas il-qorti tal-prim istanza setgħet titfa' r-responsabbilità fuq l-appellant. *Inoltre* l-appellant għal darb'oħra jikkonċedi illi din it-teżi tal-appellati lanqas setgħet treġi in kwantu tal-fatt li tressqu provi li kkonfermaw li fl-Isptar San Luqa dak iż-żmien kien hemm il-faċilitajiet għall-ħasil tal-idejn fis-swali u kif ukoll kien hemm *trolley* armat b'likwidi relatati ma' disinfettazzjoni, liema konferma kienet espressa minn Dr John Mary Cachia u professjonisti ohrajn.

»Kien apparenti illi l-appellata minkejja li straħet fuq allegazzjonijiet diversi naqset illi ġġib prova li skond hi jew professjonisti ta' x'suppost kien hemm fis-sala sabiex l-infezzjoni ma tixxerridx u timmanifesta ruħha. Dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizju għall-fatt illi, kif ġà ngħad qabel, il-mikrobu tal-*MRSA* ma tteħidx mill-isptar iżda kien fuq l-appellata meta dina kienet għada fil-komunità, u l-*virus* kien wiehed *community acquired,* kif ġie debitament ikkonfennat mill-espert mediku Dr Alfred Caruana Galizia fis-segwenti linja ta' ħsieb:

> »"Per eżempju naqbel ma' Dr Mallia Azzopardi illi din meta daħlet l-isptar wisq probabilment kellha diġà l-*MRSA* fid-demm. L-indikazzjonijiet hemm qegħdin: kienet marida, kienet marida sew, kienet *dehydrated*, din mhux *gastrointerite*; *gastrointerite* jumejn l-aktar li ddum, ejja ngħidu tlieta. Din baqgħet sejra xi tliet ġimgħat id-dar qabel ma daħlet l-isptar; jiġifieri, iva, jien naħseb li kienet ilha marida bl-*MRSA* għal ċertu żmien qabel daħlet l-isptar. Diffiċli biex wieħed jippreċiza kemm eżattament però hekk naħseb."

»Għaldaqstant, jekk *se mai* kien hemm xi negliġenza da parti tal-appellant, l-appellati riedu jippreżentaw kull prova konkreta sabiex tiskatta r-responsabbilità tal-appellant, liema prova hija mankanti u l-appellata ma rnexxilhiex tipprova n-nuqqasijiet da parti tal-appellant. *Dunque* l-allegazzjoni ta' negliġenza fil-konfront tiegħu tfalli.

»… … … għalhekk, il-konklużjoni tal-ewwel qorti li kkonkludiet li l-appellant ma kienx għaqli in kwantu tar-responsabbiltajiet tiegħu,

> kienet waħda totalment żbaljata billi l-istess qorti ma kellha ebda prova quddiemha li kienet turi responsabbilità tiegħu.«

4. Għall-ewwel aggravju l-attur wieġeb illi "qorti ta' reviżjoni ma tistax, in linea ta' massima, tiddisturba" d-diskrezzjoni tal-ewwel qorti: effettivament jistieden lill-qorti tieħu posizzjoni illi *ormai* hija superata b'ġurisprudenza aktar riċenti[5].

5. Il-kwistjoni essenzjalment hi jekk il-mikrobu infettax lill-attriċi meta kienet l-isptar jew kellhiex ġà l-mikrobu qabel daħlet l-isptar, u, jekk kellha ġà l-mikrobu qabel daħlet l-isptar, setgħetx ingħatat kura aktar effettiva għall-infezzjoni li daħlet biha. Peress illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, il-kawża hija msejsa fuq responsabilità kuntrattwali mhux akwiljana, għalkemm huwa fuq l-atturi l-oneru li juru r-rabta kawżali bejn il-mawra fl-isptar u l-infezzjoni, jekk jingħeleb dak l-oneru jiġi mbagħad fuq il-konvenut l-oneru li juri li min-naħa tiegħu għamel dak kollu mistenni minnu biex iħares kontra dik l-infezzjoni u ma kienx bi ħtija tiegħu illi, minkejja l-pre-kawzjonijiet li ħa, xorta seħħet l-infezzjoni[6]. Dan irridu nqisuh fil-kuntest illi l-prova meħtieġa hija ta' probabilità, mhux ċertezza, u wkoll, jekk ikun il-każ, fil-kuntest tad-dottrina tal-kawżalità alternativa[7].

6. L-attriċi kellha ħafna problemi ta' saħħa, u l-okkażjoni li wasslet għal din il-kawża ma kinitx l-ewwel darba li daħlet l-istptar. Din id-darba kienet daħlet l-isptar fid-9 ta' Frar 2007 u ntbagħtet id-dar fis-7 ta' Mejju 2007. Waqt li

---

5 Ara *e.g.* Antoinette Cutajar *v.* Joseph Muscat *noe et*, App. 14 ta' Diċembru 2018, rik. 891/2014.

6 Ara *e.g.* Vincent Gauci *et v.* Tabib Ewlieni tal-Gvern *et*, App. 28 ta' Ġunju 2019, ċitaz. 774/2002, para 11.

7 Ara *e.g.* Paul Pullicino *v.* Deirettur Ġenerali tax-Xogħlijiet, App. 30 ta' Marzu 2022, rik. 538/2009, para 31.

kienet l-isptar ilmentat minn sintomi li wasslu biex fl-24 ta' Frar 2007 – ħmistax wara li daħlet l-isptar – sarilha intervent urġenti minn newro-kirurgu li minn *abscess* li kellha fis-sinsla ta' daharha neħħielha materja li irriżulta li kienet infettata bl-*MRSA*.

7. Il-mistoqsija f'dan l-istadju hi jekk il-mikrobu kienx ġà fuqha meta daħlet l-isptar u nfexx kemm damet hemm, jew daħalx fiha waqt li kienet l-isptar. L-esperti mediċi – kemm dawk imressqa *ex parte* u kemm dak maħtur mill-qorti – xehdu illi ma tistax twieġeb b'ċertezza għal din il-mistoqsija.

8. Il-Kirurgu Anthony Zrinzo, li għamel l-intervent tal-24 ta' Frar 2007, xehed illi:

> »ma nistax ngħid kemm kien ilu fuqha dan il-mikrobu; però, meta tqis li għandek *abscess* ta' madwar għaxar pulzieri, mhux xi ħaġa ta' ġurnata jew tnejn; jaf ikun ilu ġimgħat, però mhux kulħadd l-istess«[8].

9. Il-Kirugru Anthony Zammit xehed hekk dwar il-*MRSA*:

> »… … … dan huwa xi ħaġa mhux … li aħna ma jistax ikollna *MRSA* imma dan sfortunatament sar mikrobu krudili li nġorruh l-isptar u ġieli tkun għamilt operazzjonjiet kbar u jattakka lill-pazjent għax hu jattakka meta l-*immunity* tal-pazjent tkun baxxa. Allura anke wara li tkun għamiltlu operazzjoni, *automatically your immunity goes down* u għal-hekk l-idea tiegħi li dejjem daħħalt għax inti, meta tiġi l-isptar, iġġib il-mikrobi tiegħek, tal-ġilda, imnieħer *etc*. Kif tidħol l-isptar hemm il-*hospital bugs* li jibdew jiġġieldu kontra l-mikrobi tieghek u tara l-*curve* tal-*hospital bugs* u *the curve of your own personal bugs going down*. Allura meta inti l-pazjent malli tara li huwa tajjeb tibagħtu d-dar wara *operations*, hu ser jiltaqa' mal-*bugs* tiegħek u *the bugs take over and they increase his immunity* u jiġġieldu l-*hospital bugs* li jkun ġab miegħu d-dar. Għax dan sfortunatament, minn *abuse* ta' *antibiotics* li sar fiż-żmien, żviluppajna [*strains*] *which are very strong to normal antibiotics*. U dawn issibhom l-isptar.«[9]

10. Il-qorti tifhem illi f'din is-silta l-Kirurgu Zammit qiegħed igħid illi għalkemm il-*MRSA* jista' jinfetta persuna wkoll f'ambjent barra l-isptar, madankollu

---

[8] *Fol.* 40

[9] *Fol*. 54

huwa aktar prevalenti fl-isptarijiet. Jista' jkun ukoll illi l-pazjent jidħol fl-isptar bil-mikrobu ġà fuqu u dan jegħleb l-immunità tiegħu li tkun iddgħajfet wara intervent kirurġiku. Għandu jingħad illi, għalkemm ma jidhirx illi lill-attriċi kienu sarulha interventi invażivi qabel dak tal-24 ta' Frar 2007 wara li daħlet l-isptar fid-9 ta' Frar 2007 – ħlief għall-inserzjoni tal-labra tad-*drip* li ikkawżatilha *phlebitis* – madankollu meta daħlet l-isptar saħħitha kienet dgħajfa ħafna u dan ukoll naqqsilha l-immunità.

11. Xehed ukoll it-Tabib Charles Mallia Azzopardi li qal hekk:

> »Mistoqsi dwar l-*MRSA*, jekk kinitx xi ħaġa komuni dak iż-żmien, ngħid li jekk naraw l-istatistika u nqabbluha ma' sptarijiet oħra, *the incidence is higher than european hospitals*. Mistoqsi, peress li din il-pazjenta ġieli daħlet sptar qabel, jekk jistax ikun li l-*MRSA* infetta mingħajr ma pproduċa sintomi f'xi żmien qabel jew jekk inkella kienx waqt din l-*admission*, ngħid li *MRSA* hemm żewġ tipi: hemm *community acquired* u *hospital acquired*. Hemn hafna *blur*. … huwa diffiċli ħafna biex tgħid jekk pazjent partikolari ġiex ikkolonizzat minn *MRSA* fl-isptar jew inkella fil-komunita. Issa jekk setgħetx ġiet ikkolonizzata barra mill-isptar, hemm possibiltà. Jekk ġietx ilkolonizzata during *her last previous admissions*, iva hemm possibiltà. Jiġifieri l-pazjenta *may have been colonised in the community or even at a previous admission*. Mistoqsi però x'inhu l-iktar probabbli. jekk hux li ddubbat l-*MRSA* meta kienet barra mill-isptar jew inkella meta kienet fl-isptar, ngħid it is a very difficult question. Huwa ferm diffiċli biex tgħid. Li hu ċar imma huwa r-*rapidity of her problems*. Li rrid ngħid jiena, għalkemm l-*MRSA is aggressive*, xi ħadd jidħol l-isptar *on the 9th* u *within a week* jispiċċa bi *spinal abscess*, għalkemm nafu l-*MRSA is aggressive*, *within a week* din spiccat bi *spinal abscess*. *On the 14th* kellha d-deni. Jiġifieri *the rapidity is extraordinary* għalija. Dan jissuġġerixxi li *it was very, very aggressive*, *which again is something I do not come across* dawn is-snin kollha li ilni naħdem f'dan il-qasam. *I hate to say but I think there is a slight possibility that she might have been brewing this at home*. *I will qualify that*. *She was having diarrhoea and vomiting for 15 days before she came to hospital. What I am saying is that it is not the first time that somebody comes in with GI symptoms, somebody thinks this is a striaghtforward gastroenteritis but his symptoms and signs then would become obvious that they are being attibuted to something much more serious*. … … …«[10]

---

10 *Fol.* 81Ċ

12. It-Tabib Alfred Caruana Galizia, maħtur mill-ewwel qorti bħala espert mediku, irrelata hekk

> »… … … Il-mikrobu *MRSA* … jeżisti kemm fil-kommunità u anke fl-isptarijiet. Jinġarr fuq persuni li ma juru ebda sinjal ta' mard, u jista' jinfirex minn persuna għal oħra permezz ta' kuntatt dirett jew indirett, *cioè* anke permezz ta' ħwejjeġ li jkunu ntmessew minn persuna infettata.
>
> »Bħala fatt, nafu li jixtered aktar faċilment fl-ambjent ta' sptar min-ħabba li f'dan l-ambjent ikun hemm ġabra numeruża ta' nies fi spazju limitat, u fi prossimità relativament kbira bejniethom, u li ħafna minnhom ikunu morda. L-okkorrenza ta' *overcrowding* fi sptar huwa fattur identifikat bala li jżid ir-riskju tal-firxa ta' dan il-mikrobu.
>
> »L-esponent perit mediku jkompii jispjega li persuna tista' tkun qed iġġorr l-*MRSA* mingħajr ma turi sinjali ta' mard. Dik il-persuna għandha possibililtà akbar li tiżviluppa l-marda meta d-difiża immuno-loġika tagħha tkun għal xi raġuni mnaqqsa. … … … Possibiiment, anke l-i*stress* ta' ammissjoni fi sptar tista' ddgħajjef is-sistema immu-noloġika tal-persuna, u tagħmiu aktar suxxettibbli li jimrad b'dan il-mikrobu.
>
> »… … …
>
> »Tipikament, dan il-mikrobu *MRSA* jipproduċi kollezzjoni ta' materja, jew axxess. Dan l-aktar li jaffettwa inċiżjoni kirurġika wara operazzjoni. Meta jkun hemm labbra fil-vina, jew *venflon*, bħalma kellha l-attrici Carmen Bouharis, il-mikrobu jikkaġuna *phlebite*, kemm jekk il-*venflon* ikun infettat minn barra, kif ukoll jekk jiġi infettat bil-mikrobu *MRSA* minn ġewwa. Persuna bil-*catheter* tal-awrina faċli tiżviluppa infezzjoni fl-awrina. Hemm sintomi ohra determinati skond il-lokalizzazzjoni tal-mikrobu *MRSA*.
>
> »Dawn il-konsegwenzi huma l-istess kemm għal mikrobu *MRSA* li jittieħed mill-komunità u anke għal meta dan il-mikrobu jittieħed minn ambjent ta' sptar. Meta jiżviiuppaw is-sintomi, u jiġi identifikat il-mikrobu *MRSA*, huwa diffiċli biex wieħed jiddeċifra jekk dan ikunx ittieħed mill-komunità inkella mill-isptar. L-esponent perit mediku jik-konferma wkoll li huwa diffiċli biex wieħed jippreċiża ż-żmien meħtieġ sabiex il-mikrobu *MRSA* jinfirex jew jillokaiizza bil-mod kif ġara lill-attriċi Carmen Bouharis.
>
> »Jirriżulta li l-attriċi kienet ilha marida d-dar erbatax-il jum qabel daħlet l-Isptar San Luqa. Il-fatt li ammettewha l-isptar ifisser li verament kienet marida u kellha bżonn tidħol l-isptar għall-kura. Daħlet fid-9 ta' Frar 2007. Wara xi ġranet, din bdiet tilmenta minn ugigħ fil-*venfion.* Fl-14 ta' Frar 2007 ħadulha *blood culture* li r-riżultat tiegħu xi ġranet wara wera li kellha l-mikrobu tal-*MRSA*. Fl-istess żmien, ilmentat minn nuqqas ta' saħħa f'riġlejha, u anke waqgħet mal-art. Sussegwente-ment, l-attriċi żviluppat il-*paraplegia.* B'hekk, kollox jirriżulta li ġara fuq medda ta' ftit ġranet.
>
> »L-esponent perit mediku jirrileva li għalkemm jista' jikkummenta fuq li l-Isptar San Luqa ma ħax *blood culture* tal-attriċi Carmen Bouharis hekk kif ġiet ammessa l-isptar, tenut kont tal-kundizzjonijiet mediċi kollha li kellha, tad-diversi drabi li kienet ammessa l-isptar fiż-żmien

preċedenti, u tal-fatt li kienet ilha erbatax-il ġurnata d-dar tbati minn vomitu u *diarrhoea*, jidhirlu li ma jistax iqis dan bħala nuqqas min-naħa tal-isptar, billi ma jidhirx li kien hemm xi indikazzjoni koġenti biex isir *blood culture* f'dak l-istadju. Mhux possibbli loġistikament, u lanqas fil-prattika, li kull min jidħol l-isptar issirlu *blood culture.*

»L-esponent perit mediku però jikkonkludi li, aktar iva milli le, fid-9 ta' Frar 2007, l-attrici Carmen Bouharis daħlet l-isptar bil-mikrobu tal-*MRSA*, li setgħet ħadet mill-isptar stess f'xi okkażjoni ta' rikoveru preċedenti jew inkella mill-komunità.

»L-esponent perit mediku però jqis importanti d-dikjarazzjoni ta' Dr Josianne Aquilina fix-xiehda tagħha li l-attriċi Carmen Bouharis kienet ilha xi ġranet tbati min-nuqqas ta' saħħa f'riġlejha qabel ma ratha hi u ntlaħqet id-djanjosi tal-*paraplegija.* Dan jaqbel max-xiehda ta' Dr Antoine Zrinzo meta jgħid li "meta tqis li għandek *abscess* ta' madwar 10 pulzieri, mhux xi ħaġa ta' ġurnata jew tnejn; jaf ikun ilu ġimgħat però mhux kulhadd l-istess"*.* Dan ifisser li, meta l-attriċi lmentat min-nuqqas ta' saħħa f'riġjelha, wisq probabbli hija diġà kellha dgħufija f'riġlejha *(paraparesis).* Sussegwentement, kif jirriżulta min-noti tal-Isptar San Luqa, fit-23 ta' Frar 2007 hija kienet waqgħet fl-art u ma setgħetx tqum, u jidher li l-impjegati tal-isptar insistew magħha li kellha tqum fuq riġlejha waħedha, u għamlet xi sagħtejn fl-art għax ma kellhiex forza biex tqum. Kien biss f'dak l-istadju li l-isptar sejjaħ lil Dr Josianne Aquilina biex tara lill-attriċi, u din sabet li kellha parapleġija b'riżultat tal-axxess li l-mikrobu *MRSA* ikkaġunalha fis-sinsla.

»Minn dan kollu, l-esponent perit mediku jikkonkludi li, fuq bażi ta' probabbiltà, kieku l-Isptar San Luqa ta l-kuri u l-attenzjoni meħtieġa lill-attriċi Carmen Bouharis meta din uriet l-ewwel sinjali ta' fjammazzjoni fil-*venflon* u ta' nuqqas ta' saħħa f'saqajha, probabbilment l-isptar kien jasal xi jumejn jew aktar qabel għad-djanjosi tal-axxess fis-sinsla u tal-parapleġija li kellha l-attrici. Kieku f'dak l-istadju l-Isptar San Luqa ta lill-attriċi l-kuri, inkluż l-interventi kirurġiċi, li effettivament taha wara li wasal għal din id-djanjosi, fuq bażi ta' probabilità l-esponent perit mediku jikkonkludi li l-attriċi Carmen Bouharis kienet tispiċċa f'sitwazz-joni aktar favorevoli għaliha minn dik li spiċċat fiha llum. B'sitwazzjoni aktar favorevoli, l-esponent perit mediku jifhem li l-attriċi probabilment ma kinetx tispiċċa ma żżommx fuq saqajha, ma timxix u bil-bqija tal-kumplikazzjonijiet li għandha prezentement.

»Mill-banda l-oħra, kif qal tajjeb il-konsulent Charles Mallia Azzopardi, kieku l-Isptar San Luqa kien organizzat aħjar sabiex jassigura aktar indafa u anqas *overcrowding,* ċertament li kien jikkontrolla aħjar it-tifrix tal-*MRSA*. Però, fil-każ in eżami, fuq bażi ta' probabilità, l-esponenti ma jistgħux jakkollaw responsabbiltà lill-isptar minħabba f'hekk, u dan peress li, kif ġà ngħad, fuq bażi ta' probabilità, l-attriċi diġà kellha l-*MRSA* meta ġiet rikoverata fl-isptar fid-9 ta' Frar 2007. Mhux possibbli, mill-provi li tressqu, li wieħed jispeċifika jekk l-attriċi kinetx ħadet l-*MRSA* waqt xi rikoveru preċedenti tagħha fl-isptar San Luqa«

13. Dan kollu juri fil-fehma tal-qorti illi:

    i. il-probabilità illi l-mikrobu daħal fl-attriċi fiż-żmien wara li daħlet l-isptar fid-9 ta' Frar 2007 hija minima, billi ma għaddiex biżżejjed żmien bejn dakinhar u meta saret id-djanjosi biex il-mikrobu jinfirex daqskemm infirex;

    ii. meta tqis illi l-mikrobu huwa aktar prevalenti fl-isptarijiet milli fil-komunità, għalkemm jinstab hemm ukoll, x'aktarx iva milli le illi l-mikrobu daħal fl-attriċi meta kienet rikoverata l-isptar f'okkażjoni preċedenti; u

    iii. f'kull każ, ukoll jekk l-attriċi ħadet il-mikrobu mill-komunità u mhux mill-isptar, kien hemm indikazzjonijiet biżżejjed li juru li kien ikun għaqli li ssir *blood culture* qabel ma din fil-fatt saret biex hekk id-djanjosi ssir qabel, u għalhekk l-intervent li sar b'urġenza fl-24 ta' Frar 2007 biex jinteħħa l-*abscess* kien isir qabel u l-konsegwenzi li ġarrbet l-attriċi kienu jkunu anqas gravi milli fil-fatt kienu.

14. Għalkemm x'aktarx illi, ukoll jekk l-infezzjoni seħħet fl-isptar u mhux fil-komunità, l-isptar madankollu ma naqasx milli jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa, kif imfisser fix-xiehda tat-tabib John Cachia, dak iż-żmien Direttur Ġenerali responsabbli mis-Servizzi tas-Saħħa, xorta jibqa' l-fatt illi l-isptar naqas minn dak li seta' jagħmel, mhux biex il-mikrobu ma jinfettax lill-attriċi, iżda biex id-djanjosi ssir qabel ma saret meta bdew jidhru indikazzjonijiet li juru li jkun għaqli li ssir minnufih.

15. Il-qorti għalhekk taqbel mal-ewwel qorti illi l-isptar naqas mill-obbligazzjoni kuntrattwali lejn l-attriċi illi jagħtiha l-aħjar kura. L-ewwel aggravju hu għalhekk miċħud

16. Fit-tieni aggravju l-appellant igħid illi f'kull każ l-attriċi ġġorr parti mill-ħtija. Ifisser l-aggravju hekk:

> »It-tieni aggravju – L-element ta' kontributorjetà għall-akkadut da parti tal-appellata
>
> »It-tieni aggravju jikkonsisti fl-obbligu tal-appellata li ġġib provi tajba biżżejjed biex issostni l-każ tagħha u li l-infezzjoni tal-*MRSA* kienet waħda li ġiet kontrattata l-isptar, li fiż-żmien li l-appellata kienet ammessa l-isptar ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien ta' ħtija da parti tal-appellant, liema stat ta' fatt ġie skartat mill-ewwel qorti fis-sentenza tagħha.
>
> »Huwa ben magħruf li persuna, minkejja li ma tkunx għal kollox ikkawżat hsara, tista' madankollu tkun tat sehem biex dan iseħħ. F'każ ta' din ix-xorta, dak is-sehem jew kontributorjetà jnaqqas, xi ftit jew għal kollox, mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara. Barra minn hekk, f'deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, ta' nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Richard Fenech *v. Rook Construction Ltd et*, ġie addottat il-prinċipju illi l-kontributorjetà għall-ħsara tista' tkun tant determinanti fuq in-ness tal-kawża u effett illi tneħħi kull ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara.
>
> »… … …
>
> »Biex isir stħarrig xieraq tad-dinamika dwar kif l-appellata ġiet infettata bil-*virus* tal-*MRSA* jeħtieġ li jiġi muri li l-appellata fil-kwalità kkontribwixxiet għall-ħsara li għandha u ġarrbet ħsara li hi stess ikkontribwiet b'nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew ta' ħsieb, u dan *ai termini* tal-artikoli 1031 u 1051 tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel qorti naqset li tqis li l-appellata ma rnexxilhiex tipprova illi l-allegat nuqqas da parti tal-appellant ikkontrobwixxa materjalment għall-ħsara illi allegatament soffriet. … … … l-ewwel qorti naqset li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tqis f'liema grad kkontribwixxiet u tat okkażjoni għall-ħsara l-appellata.
>
> »*Inoltre*, minkejja li l-appellata qiegħda ssostni li hi ġiet infettata bl-*MRSA* u dan a negliġenza tal-appellant, hija fl-ebda hin ma ssostanzjat l-argument pretiż minnha bi spjegazzjoni plawsibbli ta' għaliex effettivament naqset li tiġi l-isptar immedjatament minkejja li kien ilha tħoss sintomi għal ħmistax-il ġurnata sħaħ.
>
> »*Di più*, dan jimplika illi d-dewmien da parti tal-appellata illi tiġi l-isptar wassal sabiex il-ħsara kkaġunata mill-infezzjoni tikber u tinfirex. Fi kliem ieħor, il-qorti tal-prim istanza naqset li tikkunsidra li l-appellata kkontrbwixxiet hi stess sabiex il-ħsara kibret għax ma ħaditx azzjoni f'waqtha. Kien fl-interess uniku tagħha illi taġixxi immedjatament, kif wara kollox ippretendiet illi jaġixxi l-appellant. *Nonostante*, qatt ma

seta' jinstab responsabbli l-appellant meta pprova jirrimedja l-ħsara f'waqtha kaġun tal-inadempjenza tal-appellata li tiġi l-isptar ġimagħtejn wara li kienet ġà bis-sintomi tal-infezzjoni, li konsegwenza t'hekk taw lok li l-ħsara tipprogressa.

«Tenut kont ta' dak premess, l-appellata naqset illi turi li l-inadempjenza tal-appellant li jipprovdi l-kura adegwata u f'waqtha kienet il-kawża prossima li biha saret ħsara konsiderevoli u għaldaqstant wiehed jista' faċilment jasal għall-konklużjoni illi kienet l-azzjoni tal-appellata, meta hija naqset illi titlob għall-kura medika f' waqtha.

»Difatti, l-allegat dannu ġie ikkaġunat mill-attriċi appellata b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħsieb min-naħa tagħha li żgur mhux forsi bin-nuqqasijiet konsiderevoli tagħha li tfittex l-għajnuna medika fl-istadju bikri, b'konsegwenza li sofriet ħsara u issa qiegħda tipprova tat-tribwixxi l-ħtija fuq l-istess appellant.

»Għal dawn ir-raġunijiet, dan huwa element important illi jistabbilixxi negliġenza kontributorja da parti tal-appellata meta hi kienet fid-dmir li tfittex il-kura, mentri hi naqset li tagħmel dan u volontajament esponiet lilha nnifisha għall-ħsara.

»Meta nieħdu dawn iċ-ċirkostanzi in kunsiderazzjoni naslu għall-konklużjoni illi, abbażi tal-fatturi kollha li jiċċirkondaw id-dinamika ta' dan l-episodju, hu ovvju li jeżistu nuqqasijiet da parti tal-appellata li biha jista' jitqies li wasslet jew ikkontribwixxiet għall-inċident li fih ġarrbet danni emerġenti frott ta' imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' attenzjoni u kawtela da parti tagħha.«

17. Jekk it-tobba tal-isptar damu biex intebħu li l-attriċi kellha infezzjoni ta' *MRSA* mis-sintomi li ħarġu wara li daħlet l-isptar, aktar u aktar kienu jdumu li kieku daħlet l-isptar qabel, meta allura s-sintomi kienu anqas akuti u, anzi, ma kinux għadhom ħarġu. Il-perit mediku osserva illi l-attriċi "wriet l-ewwel sinjali ta' fjammazzjoni fil-*venflon* u ta' nuqqas ta' saħħa f'saqajha"; il-*venflon* sarilha l-isptar u bdiet tbati b'nuqqas ta' saħħa f'riġlejha wara li daħlet l-isptar u għalhekk, sa ma daħlet l-isptar, l-attriċi ma kinitx turi sintomi li jagħtuk x'taħseb li kellha l-*MRSA*. Aktar iva milli le, mela, likieku l-attriċi daħlet l-isptar qabel fid-9 ta' Frar 2007 ma kinitx b'hekk sejra tiżdied il-probabilità li t-tobba jintebħu bis-sintomi qabel.

18. L-aggravju dwar ħtija kontributorja huwa għalhekk miċħud.

19. L-aħħar aggravju jolqot il-kundanna għall-ħlas tad-danni u ġie mfisser hekk:

> » It-Tielet Aggravju – Ma hemmx lok għad-danni
>
> »It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-appellant iħoss ruħu aggravat wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti ma setgħetx tqiegħed il-fattispeċie ta' dan il-każ u tittrattahom mill-istess ottika ta' kawżi fejn persuna sofriet danni. Barra minn hekk, l-appellata argumentat repetitivament illi hi kienet kostretta tidħol għall-spejjez massimi, bħal servizz ta' *taxis*, mediċini, żraben, visti tat-tobba, ħrieqi, *wheelchair,* aċċessorji għall-ħasil, porga u diversi affarijiet oħrajn u tefgħet stimi u ċifri mingħajr ma lanqas ippreżentat l-aħjar prova, u *cioè* riċevuti, kif fil-fatt ġie kkonfermat mir-rapport tal-esperti. Għaldaqstant, l-ewwel qorti lanqas ma setgħet tgħaddi għall-likwidazzjoni tad-danni meta ma kienx hemm l-iċken indikazzjoni tal-valuri u lanqas allura ta' prova tal-ispejjeż illi allegatament għamlet.
>
> »L-appellant jenfasizza li, jekk *se mai* kien hemm xi negliġenza min-naħa tiegħu, din il-prova kienet tispetta lill-attriċi appellata, liema prova ma nġabitx, u għaldaqstant huwa ma jirrispondix għad-danni reklamati.
>
> »Hu ovvju li biex individwu jinstab responsabbli għal xi danni, irid jintwera li hemm ness bejn l-aġir ta' dak l-individwu u l-ħsara, u, jekk dan in-ness ma jiġix ippruvat, il-vittma tal-ħsara ma jkunx intitolat għall-kumpens mingħand l-individwu mħarrek.
>
> »L-appellant isostni li, fid-dawl ta' kif ġraw l-avvenimenti tal-każ, jirriżulta ċarament li l-prassi li addotta l-appellant, fir-rigward tal-kura immedjata u ambjent san u iġeniku li forna lill-appellata, kien jaqa' fid-dover tiegħu ta' *bonus paterfamilias,* u l-ħsara kkontribwixxiet għaliha l-appellata unikament.
>
> »Isewgi għalhekk li, anke min-natura tal-każ, l-ewwel qorti qatt ma setgħet tikkwalifika u tillikwida xi tip ta' danni allegatament sofferiti mill-appellata.
>
> »Għal dawn il-motivi, l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u fatti, għaliex matul il-prosegwiment tal-kawża, u mill-provi prodotti, huwa ċar li l-appellant fil-kapaċità tiegħu aġixxa korrettament u *in bona fide* u effivatament skont l-prassi *standard*, u *inoltre* aġixxa *in tempore vergine* għall-aħjar ġid tal-pazjenti tiegħu.
>
> »Għaldaqstant, l-esponent appellant ma għandhux jinstab responsabbli li kkawża xi tip ta' danni lill-appellata u għandu jiġi eżonerat minn kwalunkwe responsabbilità.«

20. Fl-ewwel parti tal-aggravju l-appellant igħid illi l-atturi naqsu milli jippreżentaw riċevuti għall-ispejjeż li jgħidu li għamlu. Dwar dan iżda l-ewwel qorti stess osservat illi "l-atturi naqsu li jressqu l-aħjar prova. Ix-xhieda maħlufa waħedha ma tissupplimentax biżżejjed għar-riċevuti li

jixhdu bi preċiżjoni fiex jikkonsistu n-nefqiet li l-atturi qegħdin jagħmlu minħabba l-kundizzjoni tal-attriċi. Minħabba li l-atturi naqsu f'dan ir-rigward, il-qorti sejra tqis biss in-nefqa dikjarata għax-xiri ta' siġġu tar-roti, żraben speċjali u tagħmir li jgħinha biex tinħasel. Dawn ilkoll itellgħu s-somma għal tliet mija u disgħin euro (€390)".

21. Meta tqis il-kondizzjoni ta' saħħa tal-attriċi, in-nefqa likwidata mill-ewwel qorti ta' tliet mija u disgħin euro (€390) tidher raġonevoli wkoll fin-nuqqas ta' riċevuti, u l-din il-qorti għalhekk ma jidhrilhiex li għandha tbiddel il-likwidazzjoni ta' *damnum emergens* magħmula mill-ewwel qorti.

22. Fil-bqija tal-aggravju, kif sewwa osserva l-attur fit-tweġiba tiegħu, l-appellant ma jattakkax il-likwidazzjoni tad-danni *ut sic* iżda s-sejbien ta' responsabilità, u dan ma huwiex ħlief ripetizzjoni tal-istess argumenti li ġà twarrbu fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-oħra.

23. Dan l-aggravju għalhekk ma huwiex sejjer jintlaqa'.

24. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallashom l-appellant Tabib Ewlieni tal-Gvern.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da